MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1644/2001/1

**Citaz Nru: 1644/01 JA.**

**John u Claudia Ellul.**

**-vs-**

**Alan Formosa u b' digriet tat-23 ta' Mejju, 2002 Dr. Victor Scerri u l-P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Alan Formosa.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-15 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha ppremettew:

Illi l-atturi akkwistaw is-subcens perpetwu tal-fond numru 33, ir-Rampa ta’ Ta’ Xbiex, Ta’ Xbiex permezz ta’ kuntratt datat 31 ta’ Awissu, 1999 li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin.

Illi l-konvenut permezz ta’ cedoli ta’ depositu numri 1610/01 u 2130/00 qed jippretendi li hu ghandu titolu lokatizju fuq il-fond numru 33, ir-Rampa ta’ Ta’ Xbiex, Ta’ Xbiex li wiret minghand missieru li kien jikri minghand l-atturi u ghal liema kirja qed jiddeposita s-somma ta’ Lm76 ghas-sena kera mill-1 t’ Ottubru, 2000 sat-30 ta’ Settembru, 2001 u mill-1 t’ Ottubru, 2001 sat-30 ta’ Settembru, 2002, wara li l-istess kera ma’ gietx accettata mill-atturi.

Illi l-pretensjoni tal-konvenut m’ ghandha l-ebda bazi guridika u sa’ llum il-konvenut ghadu ma ddeduciex in gudizzju l-millantazzjoni tieghu pretisa fl-imsemmija cedoli u f’ diversi ittri u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu imdendlin u jridu li jigu definittivament liberati mill-millantazzjoni li dan qieghed jivvanta kontra tieghu.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

i. Jigu lilu prefiss terminu biex jiddeduci in gudizzju l-millantazzjoni tieghu kontra l-atturi minnu pretisa bl-imsemmi cedoli; u

ii. In difett jigi impost lilu l-perpetwu silenzju.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn John Ellul fl-10 t' Ottubru, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors fejn intalbet il-hatra ta' kuraturi deputati stante li l-konvenut irrizulta assenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fis-27 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi huma m' humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-atturi jtuhom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Ikkunsidrat.

Il-kawza odjerna hija wahda ta' jattanza fejn l-attur qed jitlob li jigi impost terminu biex il-konvenut jippresenta l-pretensjoni tieghu li ghandhu dritt ta' lokazzjoni fuq propjeta tal-attur.

L-attur qal li wara li xtara l-fond imsemmi gew prezentati fil-konfront tieghu cedoli ta' depositu ghall kera. Jidher li missier il-konvenut kien jokkupa l-fond b' titolu ta' lokazzjoni u wara l-mewt tieghu il-konvenut beda jippretendi li wiret dan it-titolu. Mid-deposizzjoni ta' Hilaire Vincenti u cioe l-aventi causa tal-attur, jirrizulta li eventwalment il-konvenut ikkonsenja c-cwievet tal-fond tramite l-Avukat tieghu Dr Anna Mallia.

Il-Qorti qabel ma tiddecidi l-ewwel stadju ta' din il-kawza ma tistax ma tikkumentax li tara stramb il-fatt li l-attur ghazel jinnotifika bil-bandu lill Avukat Dottor Frank Cassar minflok l-

Avukati Anna Mallia jew l-illum Imhallef Dottor Tonio Mallia li kien iddeposita l-flus il-Qorti ghan nom tal-konvenut.

Madankollu ladarba l-imsemmi Avukat Cassar ma ghamel ebda nota biex jiddikjara li ma kellhu ebda ness mal-konvenut mhux se tikkumenta ulerjorment fuq dan il-fatt u tispera biss li Avukat li jigi notifikat b' att simili ikun jaf bir-responsabilta' u bil-perikoli ta' affarijiet bhal dawn jekk jinjora l-att li jkun irceva jekk effettivament ma jkollu ebda ness mal-assenti. Oltre dan l-Avukat li jkun qed jirrapresenta attur li jkun qed jagixxi kontra assenti irid ikun cert li jinnotifika bil-bandu lill xi hadd li jkollu ness mal-istess assenti.

Kwantu ghall mertu, r-rekwisiti biex tirnexxi l-azzjoni ta' jattanza huma li l-konvenut ikun ivvanta xi dritt bil-miktub u l-azzjoni issir fi zmien sena. F' dan il-kaz il-konvenut ivvanta d-dritt ta' lokazzjoni permezz taz-zewg cedoli li ppresenta il-Qorti u l-ahhar wahda qabel bdiet il-kawza giet presentata fil-25 ta' Settembru 2001; il-kawza giet intavolata fil-15 ta' Ottubru 2001; giet ukoll presentata ohra wara li bdiet il-kawza. Ghalhekk dawn ir-rekwisiti jirrizultaw.

Ta' min izid li kawza simili ma tistax issir kontra assenti (Artiklu 415 tal-Kap 12) izda dan ma japplikax meta l-konvenut ikun ippresenta xi att gudizzjarju, sija personalment jew permezz ta' mandatarju sa tlett xhur qabel ma tkun giet presentata il-kawza, kif effettivament ghamel il-konvenut f' dan il-kaz.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici u tordna li l-konvenut jivvanta l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-atturi fi zmien xahrejn mill llum u tiddiferixxi il-kawza ghat-3 ta' Mejju, 2004 fid-9:00 a.m.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------